MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 504/1995/2

**AIC Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi, u Greta mart Anthony Bartolo Parnis, u *okkorrendo* l-istess zwieghom**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mir-rikorrenti proprio et nomine minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Jannar 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Ghall-fini ta' intendiment ahjar u komplet ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riprodotta in toto, u li kienet iddecidiet hekk,

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors presentat fl-24 ta’ Frar, 1995 li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremettew is-segwenti fatti:

"1. Illi l-esponenti AIC Joseph Barbara flimkien ma’ wliedu r-rikorrenti l-ohra huma proprietarji ‘pro indiviso’ ta’ tmienja u erbghin (48) mill-appartamenti tal-korp ta’ bini maghruf bl-isem “ST JULIANS COURT”, Sur Fons Street, San Giljan, amministrati mir-rikorrent Perit Joseph Barbara, li kienu gew koncessi in enfitewsi temporanja lis-Servizzi Inglizi;

"2. Illi meta s-Servizzi Inglizi waslu biex jitilqu minn Malta gie deciz li huma kellhom jghaddu lura lis-sidien l-imsemmi korp ta’ bini, u dan kif jirrizulta mill-ittra tal-Property Services Agency, Regional Estate Surveyor, tat-23 ta’ Dicembru, 1976;

"3. Illi l-awtoritajiet tas-Servizzi Inglizi kienu ghaddew lill-amministratur xi sitt icwievet ta’ appartamenti minnhom tipici biex huwa jkun jista’ juri l-istess appartamenti lil min ikun interessat;

"4. Illi r-rikorrent AIC Joseph Barbara kien irnexxilu jiffirma konvenji favur cittadini Maltin fil-parti l-kbira ta’ din il-proprieta`, u cioe` fir-rigward ta’ hamsa w erbghin (45) minnhom, u r-rikorrenti kienu rritenew liberi tlieta (3) minn dawn l-appartamenti ghall-uzu taghhom;

"5. Illi fil-perijodu mid-data tal-imsemmija ittra sar-rilaxx effettiv saret pressjoni mill-Amministrazzjoni ta’ dak iz-zmien sabiex il-fizzjali gholja Inglizi jcedu l-perijodu enfitewtiku rimanenti lill-Gvern tal-gurnata, u dawn il-fizzjali finalment injoraw il-promessa li kienu taw bil-miktub u cedew ghall-pressjoni mill-Amministrazzjoni, u spiccaw

biex irregalaw il-perijodu rimanenti tac-cens temporanju lill-Gvern ta’ Malta ‘gratis et amore’;

"6. Illi b’ rizoluzzjoni tal-Parlament Malti tas-17 ta’ Lulju, 1978 imressqa mill-Prim’ Ministru, saret cessjoni tas-subutili dominju temporanju, unikamnet ghal uzu turistiku, lil kumpanija sussidjarja tas-socjeta` “Air Malta Company Limited” li ggib l-isem “Holiday Services Company Limited”, krejata ghal dan l-iskop, bi projbizzjoni espressa li ma setax isir uzu minnhom hlief biex jigu akkommodati barranin, bl-obbligu pero` li sitta (6) minn dawn l-appartamenti jintuzaw biss mill-Gvern minghajr pagament. Ma gie impost l-ebda awment fic-cens li Holiday Services Company Limited kellha thallas lill-Gvern, izda l-kumpanija kellha l-obbligu li tkompli thallas lis-sidien hi. Dan kollu sar avolja l-planimetrija ta’ ST. JULIAN’S COURT kienet trrendih mhux adatt ghall-iskop li ghalih il-Gvern tal-gurnata allegament riedu, kif jigi mfisser aktar ‘l isfel;

"7. Illi fl-istess triq kien hemm zewg korpi ohra ta’ appartamenti, “Oakhill” u “Oakleaf”, konsistennti fi tmien (8) appartamenti kull wiehed li kienu ezattament fl-istess cirkostanzi bhal ST. JULIAN’S COURT appartenenti lill-atturi, u s-Servizzi Inglizi minghajr indhil mill-Gvern ta’ Malta, gew imhollija, b’diskriminazzjoni trasparenti, jirrilaxxjaw dawn iz-zewg korpi ohra ta’ flats lis-sidien taghhom;

"8. Illi fl-istess gurnata tas-17 ta’ Lulju, 1978 ghaddiet Rizoluzzjoni ohra similment proposta mill-Prim’ Ministru rigwardanti l-appartamenti li jgibu l-isem “Navarino Flats” gewwa Fond Ghadir, Sliema, u f’dan il-kaz it-trasferiment ma giex effettwat permezz ta’ semplici cessjoni, izda gie impost awment fil-pagament annwu minn LM2,185 fis-sena ghal LM13,000 fis-sena. Id-diskrepanza bejn il-kundizzjonijiet taz-zewg trasferimenti lill Holiday Services Company Limited hija lampanti;

"9. Illi, kjarament din id-diskrepanza hija dovuta ghall-fatt li l-planimetrija ta’ Navarino Flats hija tali li, bl-gheluq ta’ xi bibien u ftuh ta’ ohrajn li jaghtu fuq il-pjanijiet tat-

turgien, tippermetti is-subdivizjoni taghhom b'mod li r-rizultanti appartamenti jickienu ghal dimensjonijiet kompatibbli mal-htigijiet tat-turisti. Ghall-kuntrarju, subdivizjoni simili f'ST JULIANS'S COURT ma tistax tigi effetwata in kwantu l-kumditajiet ta' kull appartament jintlahqu minn kuritur twil, bla ebda possibilita` ta' xi access iehor mill-pjanijiet tat-turgien. Isegwi car li l-Gvern ta' allura kien konxju li ST JULAIN'S COURT ma kienx adatt w idoneju ghall-iskop li allegatament il-pajjiz kellu bzonnu. Apparti l-fatt li, fil-kaz li l-Amministrazzjoni kienet genwinament thoss li tabilhaqq il-pajjiz kellu bzonn ta' izjed "holiday flats", is-sidien setghu, qabel ma jittiehdu passi ulterjuri, jigu interpellati jekk kienux pronti li huma stess jaghtu dan is-servizz lill-pajjiz;

"10. Illi fit-13 ta' Lulju, 1983 giet imressqa w apporvata Rizoluzzjoni ohra dwar St. Julian's Court, li permezz taghha l-kumpanija Holiday Services Company Limited giet xjolta mill-obbligu li taghmel biss uzu minn dawn l-appartamenti ghall-akkommodazzjoni ta' non-residents. B'hekk din is-socjeta' setghet toffrihom lil cittadini Maltin, proprju kif kienu ghamlu l-atturi sidien meta s-Servizzi Inglizi indikawlhom li kienu sejrin jirritornawhom lilhom – bid-differenza pero` li kull cittadin li jaspira li jokkupa xi wiehed minnhom gie assoggettat li jhallas rigal ta' LM3,000 u jhallas cens awmentat biex jaghmel tajjeb ghas-sitt appartamenti rizervati ghall-uzu esklussiv tal-Gvern. Fl-okkazjoni ta' dik ir-Rizoluzzjoni, l-Onorevoli Guze` Cassar li pprononiha f' isem il-Prim' Ministru Dom Mintoff kien qal testwalment fil-Parlament:

"".......peress li huma pjuttost kbar dawn il-flats, ma tantx they lend themselves li jistghu jinkrew ghall-iskop li hadithom il-Holiday Services Company Limited …ghax fil-fatt veru huwa difficli biex il-kumpanija tista' tikrihom ghall-iskop li originarjament il-Gvern tahomlha……il-kumpanija tkun tista' toffri lill-pubbliku."

"Minn din l-affermazzjoni jirrizulta b'mod car li l-appartamenti in kwistjoni ma kienux adatti w idonei ghall-iskop li allegatament il-Gvern ta' allura eziga w ghamel pressjoni fuq is-servizzi Inglizi sabiex jghadduhom lilu;

"11. Illi din ir-Rizoluzzjoni kienet mizura ohra li kompliet tippeggiora l-kundizzjoni li sabu ruhhom fiha r-rikorrenti bhala sidien;

"12. Illi l-premess jistabilixxi inkonfutabilment illi l-operat tal-Gvern kien abbuziv u diskriminatorju, u intiz mhux biex jaqdi l-bzonnijiet tal-pajjiz, izda biex jikkaguna l-ikbar ksara finanzjarja possibbli lis-sid;

"13. Illi, sabiex jigi ppruvat ahjar l-animu w l-atteggjament ta' l-Amministrazzjoni ta' allura, immexxija mill-Perit Dom Mintoff, lejn ir-rikorrent, sejrin jigu hawn elenkati, fi Skeda separata hawn annessa w immarrkata Dok. “X”, diversi mizuri ohra intizi sabiex jintlahaq l-istess skop, liema mizuri jigu mfissra ahjar fil-kawza;

"14. Illi l-kumulu ta' mizuri li ha l-Perit Dom Mintoff bhala Prim Ministru w il-Gvern tieghu kienu intizi biex jippregudikaw serjament il-qaghda finanzjarja tar-rikorrenti, liema sitwazzjoni setghet evetwalment twassal ghall-kollass tal-assi patrimonjali tar-rikorrenti;

"15. Illi tant hu ben not dan il-mottiv illi l-intimat stess, Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami, meta kien ghadu Kap tal-Opposizzjoni, kien qal lir-rikorrent li meta kien qed jigi diskuss fil-Parlament l-abbozz ta' ligi dwar il-“winding up” tal-War Damage Commission, hu kien qal spontaneament lid-Deputat ta' hdejh illi dik il-legislazzjoni kienet qiegheda ssir biex tghaffeg l-interessi tal-Perit Barbara;

"16. Illi ghalhekk il-Gvern ta' Malta ghandu jirrispondi ghall-operat ta' l-amministrazzjoni ta' dak iz-zmien billi l-premess gie mwettaq bl-uzu indiskriminat w abbuziv, fil-konfront tar-rikorrent, tal-poteri governatttivi;

"17. Illi l-premess jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar protezzjoni minn privazzjoni ta' proprieta` bla kumpens u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol ghall-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif sancit fl-Ewwel Skeda tal-Att XIV

ta’ l-1987, kif ukoll ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba opinjonijiet politici u ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif sancit fl-Ewwel Skeda ta’ l-istess Att XIV ta’ l-1987;

"18. Illi l-premess jammonta wkoll ghal vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal rimedju effettiv anke meta l-vjolazzjoni tigi mwettqa minn persuni filwaqt li jkunu jagixxu f’kapacita’ ufficjali, liema dirtt huwa sancit fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u gie inkorporat fl-Ewwel Skeda tal-imsemmi Att XIV tal-1987;

"Premess dan kollu r-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti w taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettieq ta’ l-Artikoli fuq imsemmija, fosthom billi tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikoli fuq imsemmija fil-konfront taghhom ghar-rigward tal-kaz ta’ ST JULIAN’S COURT, u tistabbilixxi l-kumpens xieraq li ghandu jithallas mill-intimat lill-esponenti ghall-imsemmija vjolazzjoni ghad-dannu tal-esponenti, bl-ispejjez u b’rizerva li jiehdu kull azzjoni ohra spettanti lilhom;

"Rat id-dokument “X” imsemmi fir-rikors w anness mieghu;

"Rat ir-risposta tal-intimat Onorevoli Prim Ministru li permezz taghha ssottometta:

"1. Illi din il-kawza hija bazata fuq allegazzjonijiet dwar fatti li graw mill-inqas sittax (16) il-sena ilu w ghalhekk ghall-ezercizzju ta’ din l-azzjoni tosta l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

"2. Illi, di piu`, l-lanjanzi tar-rikorrenti huma bazati fuq allegazzjonijiet ta’ esercizzju abbuziv ta’ poteri pubblici minn persuni li okkupaw karigi pubblici li kienu allegatament qed jagixxu “in mala fede”. Illi tali komportament, jekk sehh, jammonta kemm ghal reat kriminali fit-termini tal-artikolu 138 tal-Kodici Kriminali kif ukoll jaghti lok ghal azzjoni civili ghad-danni kontra l-persuni li allegatament esercitaw il-poteri pubblici

taghhom “in mala fede” biex jopprimu lir-rikorrenti u biex jikkagunawlhom l-akbar hsara finanzjarja possibbli, kif ukoll ghal azzjonijiet civili biex jigu annullati dawk l-atti tal-amministrazzjoni imwettqa bhala konsegwenza ta’ tali “mala fede”;

"3. Illi ghalhekk, specjalment in vista tal-fatt illi matul dan iz-zmien kollu r-rikorrenti qatt ma intavolaw tali azzjonijiet u qatt ma ghamlu rapporti dwar tali reati -- u dan avolja, kif jirruzlta wkoll mill-elenku “Dok X” huma matul l-istess perijodu li fih allegatament graw il-fatti lamentati kienu intavolaw diversi azzjonijiet ohra kontra l-amministrazzjoni pubblika kull fejn hassewhom aggravati bid-decizjonijiet taghha -- huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza fit-termini ta’ dak li jipprovdu l-“proviso” ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-“priviso” ghall-Artikolu 4(2) ta’ l-Att ta’ l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

"4. Illi dwar il-meritu tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, dawn ghandhom fl-ewwel lok jispecifikaw jekk l-elenku ta’ allegazzjonijiet inkluz fid-“Dok X” jiffurmax parti mill-korp tar-rikors promotur u, jekk iva, r-rikorrenti ghandhom jispecifikaw liema artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma qed jallegaw li gew lezi fil-konfront taghhom abbazi ta’ kull wiehed mill-fatti allegati;

"5. Illi l-intimat, fil-waqt li rrizerva li jirrispondi dwar l-elenku kontenut fid-Dok X meta r-rikorrenti jipprecizaw il-posizzjoni taghhom, irrileva wkoll illi l-fatti allegati fir-rikors promotur la jindkaw li sar xi tehid forzuz ta’ “St. Julian’s Court” (ghax fil-fatt huwa ammess mir-rikorrenti li l-Gvern kien akkwista biss l-kumplament tac-cens (u mhux il-proprieta’) kontrattwalment minn ghand l-utilisti) u lanqas ma jindikaw ir-raguni li fuqha hija bazata l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni minhabba opinjoni politika;

"6. Illi dwar l-allegazzjoni ta’ lezjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-intimat issottometta li din hija manifestament infondata stante li l-abbuz tal-awtorita’ pubblika u l-agir f’kariga pubblika “in mala fede” qatt ma

kienu protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas mill-ligijiet ordinarji ta' pajjizna kif diga imfisser aktar 'l fuq fir-risposta tal-intimat;

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-diversi noti u dokumenti presentati; rat is-sentenza preliminari taghha tal-31 ta' Lulju, 1995 dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Ottubru, 1997 dwar l-istess eccezzjoni; semghet ix-xhieda (il-Perit Joseph Barbara, Dott. Philip Attard Montalto, Dott. Eddie Fenech Adami, Francis Mamo u Albert Mamo) kif ukoll lill-abbili difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**"Il-fatti principali.**

**"1.** Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino, datat 14 ta' Gunju, 1957 (fol. 199) ir-rikorrent Perit Barbara u l-kompjant Avukat Dott. Joseph Cassar Galea ikkoncedew b'titolu ta' sub-enfitewzi temporanja lill-Ammiraljat bicca art f'San Giljan li fuqha l-istess koncedenti ntrabtu li jibnu blokk appartamenti, li effettivament inbnew u li nghataw l-isem ta' St. Julians Court. Din il-koncessjoni kienet ghall-periodu ta' hamsa w erbghin (45) sena, b'dan li l-Ammiraljat seta' jtemm il-koncessjoni u jirritorna l-art bil-bini ta' fuqha lill-koncedenti jew lis-successuri taghhom "at the end of the twenty-first, or the twenty-eight, or the thirty-fifth or the forty-second year, to run from today, by giving the grantors, six months pervious notice in writing before the expirations of any one of the aforesaid periods, of their intention to terminate the present sub-emphyteusis" (ara l-artikolu 12 tal-imsemmi kuntratt, a fol. 199). Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li r-rikorrenti odjerni huma llum il-propjetarji "pro indiviso" ta' 48 mit-52 appartament originarjament mibnija.

**"2.** Gara li meta s-Servizzi Inglizi waslu biex jitilqu minn Malta definittivament fl-1979, huma ma kellhom in principju ebda diffikulta` li jirritornaw l-appartamenti in kwistjoni lis-sidien. Dan jirrisulta car mill-ittra tal-Property Service Agency tat-23 ta' Dicembru, 1976 lill-Perit

Barbara, ezibita a fol. 28[1]. Jirrisulta, pero`, li fuq insistenza tal-Gvern Malti, diversi proprjetajiet li kienu f'idejn is-Servizzi Inglizi flok ma gew ritornati lis-sidien taghhom, gew mghoddija lill-imsemmi Gvern Malti (ara d-deposizzjoni ta' Albert Mamo, fol. 280 sa 282, u 287 sa 288). Fost dawn il-proprjetajiet kien hemm St. Julians Court li, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Anthony Attard tal-5 ta' Dicembru, 1977 (fol. 247) il-kumplament tac-cens tieghu ghadda (f'forma ta' cessjoni) f'idejn il-Gvern Malti. Fi kliem iehor il-Gvern Malti gie li ssostitwixxa l-Ammiraljat ghar-rimanenti parti tal-koncessjoni sub-enfitewtika temporanja. In segwitu ghal risoluzzjoni parlamentari tas-17 ta' Lulju, 1978 il-Gvern ittrasferixxa l-istess sub-cens (ta' St. Julians Court) lil kumpanija sussidjarja tal-Air Malta – Holiday Services Ltd. – bl-iskop li tuzahom biss ghall-skopijiet turistici (il-Gvern zamm sitta mill-appartamenti in kwistjoni ghal uzu tieghu minghajr hlas). Hames snin wara, in segwitu ghal risoluzzjoni parlamentari tat-13 ta' Lulju, 1983, Holiday Services Ltd. giet awtorizzata li tikri mhux biss lill-barranin (jigifieri ghal skopijiet turistici) izda wkoll lil Maltin bhala akkomodazzjoni ordinarja. Zewg risoluzzjonijiet parlamentari ohra li jolqtu l-blokk appartamenti in kwistjoni (dawk tal-1/8/1984 u tas-17/7/89, ara d-dokument a fol. 285) ma humiex relevanti ghall-meritu tal-kwistjoni.

"**3.** Ghalkemm ir-rikorrenti, u aktar precisament ir-rikorrent Perit Barbara, jammettu li kien hemm proprjetajiet ohra tal-privat li minghand is-Servizzi Inglizi ghaddew ghand il-Gvern Malti (bhal, per ezempju, Navarino Flats, f'Fond Ghadir, tas-Sliema, imsemmija fil-paragrafu 8 tar-rikors promotur), huma jikkontendu li l-mod kif gie trattat il-blokk appartamenti taghhom, cioe` St. Julians Court, kien jilledi d-drittijiet fondamentali taghhom. Aktar specifikatament huma jikkontendu li l-agir tal-Gvern fil-konfront tal-imsemmija appartamenti u, fl-ahhar mill-ahhar, fil-konfront taghhom, kien motivat mhux mill-hsieb li jigi moqdi l-interess pubbliku, izda kien intiz biss biex jaghmel hsara lilhom u, b'mod partikolari, lill-Perit Barbara. Din l-allegazzjoni tohrog cara mill-paragrafi 12, 13 u 14 tar-

[1] Din hija l-ittra li tissemma wkoll fir-rikors promotur bhala Dok. "A". Din l-ittra fil-fatt ma gietx ezibita mar-rikors, izda wara permezz ta' nota.

rikors promotur li ser jergghu jigu riprodotti peress li ghandhom relevanza partikolari ghal dak li ser jinghad aktar ‘l quddiem:
"“12. Illi l-premess jistabilixxi inkonfutabilment illi l-operat tal-Gvern kien abuziv u diskriminatorju, u intiz mhux biex jaqdi l-bzonnijiet tal-pajjiz, izda biex jikkaguna l-ikbar hsara finanzjarja possibbli lis-sid.
"“13. Illi sabiex jigi ppruvat ahjar l-animu u l-atteggament ta’ l-Amministrazzjoni ta’ allura, imexxija mill-Perit Dom Mintoff, lejn ir-rikorrent [Perit Barbara] sejrin jigu elenkati fi skeda separata hawn annessa u mmarkata Dok. “X” diversi mizuri ohra intizi sabiex jintlahaq l-istess skop, liema mizuri jigu mfissra ahjar fil-kawza.
"“14. Illi l-kumulu ta’ mizuri li ha l-Perit Dom Mintoff bhala Prim Ministru u l-Gvern tieghu kienu intizi biex jippregudikaw serjament il-qaghada finanzjarja tar-rikorrenti, liema sitwazzjoni setghet eventwalment twassal ghall-kollass tal-assi patrimonjali tar-rikorrenti.”

**"<u>L-Artikoli allegatament vjolati.</u>**

**"4.** Ir-rikorrenti qed jallegaw ksur kemm ta’ artikoli tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-artikoli tal-Kostituzzjoni allegatament vjolati huma l-Artikolu 37 (protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta` bla kumpens) u l-Artikolu 45 (protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba, f’dan il-kaz, opinjonijiet politici). L-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea li qed jigu invokati huma l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, kif ukoll l-Artikoli 13 u 14.

**"5.** Kwantu ghall-punt sollevat mill-intimat dwar l-esistenza ta’ rimedji ordinarji li ma gewx utilizzati mir-rikorrenti, din il-Qorti hi tal-fehma li anke jekk kien hemm dawn ir-rimedji, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma serji bizzejjed u jissollevaw kwistjonijiet importanti ta’ dritt li jkun aktar opportun li din il-Qorti tghaddi mill-ewwel ghall-meritu, b’mod ghalhekk li mhux ser tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza a bazi tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga tal-Artikolu 4(2) tal-Kap, 319, kif suggerit mill-intimat fir-risposta tieghu.

**"6.** Qabel ma din il-Qorti tipprocedi oltre, irid jigi deciz punt krucjali, u cioe` jekk f'dan il-kaz tistax tigi invokata l-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kap. 319. Dana l-punt tqanqal fid-dibattiment fil-kors tal-kawza kif ukoll fit-trattazzjoni finali, u sar accenn specifiku ghalih anke mir-rikorrenti fl-ewwel parti tan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom a fol. 295 <u>*et seq.*</u>

<u>**"L-Artikolu 7 tal-Kap. 319.**</u>

**"7.** L-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi hekk: "Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April, 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att." Din id-disposizzjoni hi l-mod kif il-legislatur Malti fisser in-non-retroattivita` tal-Konvenzjoni fl-ambitu tal-ligi domestika. Il-portata ta' din id-disposizzjoni hi cara: anke jekk kien hemm vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea pero` b'mod li tali vjolazzjoni sehhet qabel it-30 ta' April, 1987, tali vjolazzjoni ma taghtix lok ghal azzjoni taht il-Kap. 319. Fil-prattika dan ifisser li jekk dak li qed jigi allegat jammonta ghal ksur li sehh qabel l-imsemmija data, din il-Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tieghu fid-dawl tal-imsemmija Konvenzjoni izda ghandha, se mai, tiehu konjizzjoni tal-fatt *de quo* fid-dawl biss tal-artikoli tal-Kostituzzjoni li gew invokati. Ghad-determinazzjoni ta' dana l-punt din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tezamina sew dak li qed jigi allegat <u>fir-rikors promotur</u>. Qed jigi emfasizzat <u>ir-rikors promotur</u>, ghax kemm fid-deposizzjoni tal-Perit Barbara tad-9 ta' April, 1999 (fol. 291) kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti tat-3 ta' Gunju, 1999 (fol. 295 <u>*et*</u> <u>*seq.*</u>) jissemmew ligijiet <u>li ma hemmx l-icken referenza ghalihom fir-rikors promotur</u>, u cioe` il-Housing (Decontrol) Ordinance, Cap. 158 u l-Artikolu 1501 tal-Kodici Civili (liema artikolu gie mizjud fl-1981 u emendat fl-1984[2]). L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti <u>kif migjuba fir-rikors promotur</u> ma huma b'ebda mod marbuta ma' dawn il-mizuri legislattivi. Il-fatti jew atti li qed jilmentaw minnnhom ir-rikorrenti fl-imsemmi rikors huma, u huma biss, is-

[2] Emenda ohra, tal-1995, nehhiet biss il-kelma "Superjuri" mill-espressjoni "Registratur tal-Qrati Superjuri".

segwenti: (1) l-insistenza jew pressjoni tal-Gvern Malti fuq il-Gvern Ingliz sabiex dan ta' l-ahhar jghaddi ossia jcedi r-rimanenti parti tas-sub-cens lill-istess Gvern Malti, (2) l-att li bih saret l-imsemmija koncessjoni mis-Servizzi Inglizi lill-Gvern Malti, u (3) il-mod "differenti" li bih il-Gvern Malti ta' dak iz-zmien itratta proprjetajiet ta' nies ohra, kemm billi ma insistiex li dawn il-proprjetajiet l-ohra jigu rilaxxjati f'idejh (bhal fil-kaz ta' Oakhill u Oakleaf) kif ukoll bi trattament "differenti" in segwitu ghar-risoluzzjonijiet parlamentari tas-17 ta' Lulju, 1978 u tat-13 ta' Lulju, 1983, liema differenza fit-trattament kienet, skond ir-rikorrenti, motivata bil-hsieb li ssirilhom hsara patrimonjali. Dawn u dawn biss huma, fil-fehma tal-Qorti, l-atti jew fatti li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti fir-rikors promotur; u dan jidher car mill-paragrafi 12, 13 u 14 tal-imsemmi rikors aktar 'l fuq riprodotti. Mhux jilmentaw, per ezempju, li xi disposizzjoni tal-ligi hi anti kostituzzjonali (bhalma kien il-kaz fil-kawza ***Vincent Curmi noe. et v. L-Onorevoli Prim Ministru noe. et***, deciza minn din il-Qorti, diversament komposta, fit-12 ta' April, 1999[3], u li ghaliha saret referenza mir-rikorrenti). Anqas ma huma jilmentaw, dejjem fir-rikors promotur, mis-sitwazzjoni li huma jistghu talvolta jiffaccjaw meta jispicca c-cens. Ir-rikors promotur hu indirizzat biss ghal dak li gara fil-passat u qabel it-30 ta' April, 1987. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom tat-3 ta' Gunju, 1999 (fol. 295) ir-rikorrenti, pero`, jikkontendu, dwar dan il-punt, li hawn si tratta ta' azzjoni tal-Gvern li hija

""…per natura wahda ta' kontinwita`, u cioe` tinvolvi l-approprjazzjoni indebita jew cahda da parti tal-intimat tad-dritt ta' proprjeta` ghal periodu twil ta' snin. Dan il-periodu ma ntemmx qabel l-1987, izda kompla anke wara li gie fis-sehh il-Kap. 319…peress illi l-proprjeta` tar-rikorrenti baqghet jew kompliet tigi approprijata indebitament." (fol. 296).

"Din l-osservazzjoni timmerita certa konsiderazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li att ta' diskriminazzjoni hu, di per se u bhala regola, att ta' natura istantanja, kif ukoll hu ta'

[3] Din il-kawza ghadha fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

natura istantanja l-att ta’ tehid jew esproprjazzjoni li bih xi hadd jigi pprivat mill-possedimenti jew proprjeta` tieghu jew minn xi interess fi jew dritt fuq tali proprjeta` jew possedimenti (it-tieni sentenza tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni), in-nuqqas tat-tgawdija pacifika minn persuna tal-possedimenti taghha (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll) jista’ jkun ta’ natura permanenti (ara, f’dan ir-rigward, is-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ April, 1999 fl-ismijiet ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et***[4], kif ukoll – salv dak li ser jinghad aktar ‘l quddiem – is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-24 ta’ Gunju, 1993 fl-ismijiet ***Papamichalopoulos and Others v. Greece***). Huwa ghalhekk koncepibbli li jew bil-pressjoni tal-Gvern Malti fuq dak Ingliz, kif allegat fir-rikors, jew addirittura permezz tal-att li bih is-Servizzi Inglizi ikkoncedew ir-rimanenti parti tas-sub-cens lill-Gvern Malti kien hemm vjolazzjoni tal-ewwel parti ossia tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u li tali vjolazzjoni sehhet kemm qabel kif ukoll baqghet isehh wara it-30 ta’ April, 1987. Qabel talaq dan il-kapitolu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tosserva li l-fatti fil-kaz ***Papamichalopoulos***, aktar l-fuq imsemmi, kienu ferm differenti mill-kaz odjern. F’dak il-kaz kien hemm okkupazzjoni ta’ medda art mill-Gvern u mill-Awtoritajiet Navali Griegi, fuq liema art addirittura nbniet bazi navali u “holiday resort” ghall-fizzjali. L-art, pero`, kienet baqghet ma gietx formalment esproprijata u kull tentattiv da parti tas-sidien biex jirmedjaw ghal din is-sitwazzjoni billi jirrikorru quddiem il-qrati Griegi ma wassal imkien. F’dak il-kaz kien hemm, ghalhekk, stat ta’ fatt permanenti – okkupazzjoni – li “taken together with the failure of the attempts made so far to remedy the situation complained of” (para. 45) wassal lill-Qorti Ewropea tikkonkludi li f’dak il-kaz kien hemm esproprjazzjoni *de facto* u li “the occupation of the land in issue by the Navy Fund represented a clear interference with the applicants’ exercise of their right to the peaceful enjoyment of their possessions” (para. 41). Dan kollu qed jigi precisat in vista

[4] Din il-kawza wkoll tinsab fi stadju ta’ appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

tal-enfasi li saret mid-difensur tar-rikorrenti fuq dan il-kaz ta’ ***Papamichalopuolos***.

"**8.** Fi kliem iehor, din il-Qorti hi tal-fehma li ghal dak li jirrigwarda l-Artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kwalsiasi vjolazzjoni ta’ dawn l-artikoli li seta’ kien hemm, jekk kien hemm, necessarjament sehhet qabel it-30 ta’ April, 1987 b’mod li l-azzjoni fir-rigward ta’ tali vjolazzjoni hi projbita mill-Artikolu 7 tal-Kap. 319. Fir-rigward ta’ l-ewwel parti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, izda, ma jistax aprioristikament jigi eskluz li l-vjolazzjoni, anke jekk bdiet qabel id-data msemmija, ma tkomplietx ukoll wara l-imsemmija data; u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

**<u>"L-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni.</u>**

"**9.** L-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li “ebda proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b’mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta’ ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta’ pussess jew akkwist” li tizgura hlas ta’ kumpens xieraq, access ghal qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali u id-dritt ta’ appell lill-Qorti tal-Appell. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti dana l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern. Id-dritt li kellhom u li kien fadlilhom ir-rikorrenti wara li kkoncedew il-blokk appartamenti – jew ahjar, l-art li fuqha in segwitu nbnew minnhom l-appartamenti – lill-Ammiraljat kien biss li jippercepixxu s-sub-cens fl-ammont u bil-modalitajiet kif miftiehem fil-kuntratt tal-14 ta’ Gunju, 1957 ghall-periodu ta’ 45 sena mill-imsemmija data. Dana l-ammont b’dawn il-modalitajiet huma ghadhom jippercepuh sal-lum. Kienu l-awtoritajiet Inglizi li kellhom <u>il-fakolta`</u> li jitterminaw is-sub-enfitewsi bil-modalita` kontemplata fl-artikolu ossia klawzola 12 tal-imsemmi kuntratt. Flok ghamlu hekk, l-awtoritajiet Inglizi cedew il-kumplament tas-sub-cens lill-Gvern Malti li, a sua volta, ghaddieh lil Holiday Services Ltd. Dawn it-trasferimenti tas-sub-cens saru permezz ta’ kuntratti maghmula skond il-ligi, u ma jidhirx – u effettivament anqas ma gie allegat – li kien hemm xi

ostakolu legali ghal dawn it-trasferimenti. Fi kliem iehor, ma jistax jinghad li r-rikorrenti gew ipprivati mill-pusses tal-proprjeta` taghhom (ghax huma, ghal periodu ta’ 45 sena, kienu svestew ruhhom minn kull pussess hlief ghad-dritt li jippercepixxu s-sub-cens), u dana la b’mod obbligatorju u anqas xort’ ohra; ghall-istess raguni ma jistax jinghad li huma gew ipprivati, b’mod obbligatorju jew xort’ohra, minn xi interess fi jew minn xi dritt fuq il-proprjeta` in kwistjoni. Konsegwentement din il-Qorti ma tirravviza ebda ksur tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni.

**<u>"L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.</u>**

"**10.** Kif gie osservat diversi drabi kemm mill-organi ta’ Strasbourg (ara, per ezempju, is-sentenza fil-kaz ***Sporrong and Lonnroth v. Sweden***, A 52 para. 61 (1982)) kif ukoll minn din il-Qorti (ara ***Pawlu Cachia v. Avukat Generali et***, <u>*supra*</u>) l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jikkomprendi tlett regoli distinti. L-ewwel regola, fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu, hi ta’ natura generali u tistabilixxi il-principju tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti. It-tieni regola, fit-tieni sentenza tal-istess paragrafu, tkopri l-privazzjoni mill-possedimenti u tassoggetta tali privazzjoni ghal certi kundizzjonijiet. It-tielet regola, imbghad, li tinsab fit-tieni paragrafu, tirrikonoxxi d-dritt ta’ l-istat li, fost affarijiet ohra, jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` fl-interess generali. Dawn ir-regoli, ghalkemm distinti, huma konnessi ma xulxin; it-tieni u t-tielet regola jikkoncernaw kazijiet partikolari ta’ interferenza mad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti u ghandhom ghalhekk jigu nterpretati fid-dawl tal-principju generali enuncjat fl-ewwel regola.

"**11.** Din l-ewwel regola tipprovdi hekk: “Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha”. Ghar-ragunijiet esposti aktar ‘l fuq f’din is-sentenza, hija din ir-regola biss, mill-Artikolu 1 kollu, li ser tigi kunsidrata. Ir-rikorrenti jikkontendu, bazikament, li huma gew imfixkla f’tali tgawdija pacifika ghax meta s-Servizzi Inglizi kienu disposti li jtemmu l-koncessjoni sub-enfitewtika u

jirritornaw il-blokk appartamenti lilhom, dawn fl-ahhar minuta ma ghamlux hekk minhabba insistenza jew pressjoni tal-Gvern Malti, u minflok cedew ir-rimanenti parti tal-koncessjoni sub-enfitewtika lill-istess Gvern Malti. Issa, ma hux kontestat mir-rikorrenti li fiz-zmien meta l-Inglizi kienu waslu biex hekk jirritornaw il-proprjeta`, huma (ir-rikorrenti) ma kellhomx il-pussess tal-imsemmija proprjeta`; huma kellhom biss id-dritt li jippercepixxu s-sub-cens. Jista', ghalhekk, jinghad li r-rikorrenti gew imfixkla fit-tgawdija tal-possedimenti taghhom? X'ghandu wiehed jifhem bil-kelma "possedimenti"?

"**12.** L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths (London)), 1995 ifissru l-kuncett ta' "possessions" fil-kuntest tal-artikolu in ezami hekk:

""The English language text uses the word "possessions" to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word "biens" in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of "possessions". Initially, the ascription and identification of property rights is for the national legal system, and it is incumbent on the applicant to establish the precise nature of the right in the national law and his entitlement to enjoy it." (p. 517, sottolinear tal-Qorti).

"Fl-istess kuntest, van Dijk u van Hoof, fit-tielet edizzjoni tal-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Kluwer (The Hague), 1998) jghidu hekk:

""According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including

claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" that they will realise. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. As stated above, a claim may constitute a "possession" in the sense of Article 1, but it should then be a concrete, adequately specified claim." (p. 622, sottolinear ukoll tal-Qorti).

"Fi kliem iehor, u fil-fehma ta' din il-Qorti, biex wiehed jista' jibda jikkonsidra l-ewwel regola in dizamina, irid jirrisulta li r-rikorrenti, fil-mument li intervjena l-Gvern Malti u insista mal-awtoritajiet Inglizi li l-bqija tal-koncessjoni sub-enfitewtika tigi ceduta lilu, kellhom xi forma ta' dritt, azzjonabbli fil-qrati, li jiehdu lura l-proprjeta` in kwistjoni, liema dritt gie frustrat bl-imsemmi intervent. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u fit-tul il-provi, u b'mod partikolari d-diversi deposizzjonijiet tal-Perit Barbara kif ukoll id-dokument a fol. 28, hi tal-fehma li ma kien hemm ebda dritt kif appena mfisser. Kull ma jista' jinghad li kien hemm fil-konfront tal-blokk appartamenti bl-isem St. Julians Court kienet semplicement "a declaration of intent" da parti tas-Servizzi Inglizi li huma kienu bi hsiebhom jirritornaw l-appartamenti lura lill-Perit Barbara "as and when [each individual block of flats] is vacated". Ma huwiex car – u wara t-trapass ta' tant snin din il-Qorti tista' tapprezza d-diffikulta`, jekk mhux addirittura l-impossibilita`, li jsiru certi provi – jekk is-Servizzi Inglizi kellhomx il-hsieb li jaslu f'xi ftehim partikolari mar-rikorrenti dwar il-modalita` tar-ritorn tal-"individual block of flats", jew jekk kienx il-hsieb taghhom li juzufruwixxu ruhhom mill-klawzola 12 tal-kuntratt tal-koncessjoni sub-enfitewtika. Hu x'inhu, pero`, ma jistax jinghad li jirrisulta li r-rikorrenti kienu akkwistaw xi dritt (kontrattwali) fil-konfront tal-blokk appartamenti in kwistjoni u cioe` xi dritt li jiehdu lura l-proprjeta` taghhom qabel it-tmiem tal-45 sena. Kien hemm biss aspettattiva li huma jaghmlu hekk, aspettattiva li giet imsahha mill-fatt li l-awtoritajiet tas-Servizzi Inglizi anke taw ic-cwievet ta' xi appartamenti minnhom lill-Perit Barbara sabiex dan ikun jista' jurihom lil xerrejja potenzjali. Is-sitwazzjoni setghet kienet differenti fir-rigward ta' Navarino Flats; ix-xhud Dott. Philip Attard

Montalto fid-deposizzjoni tieghu (fol. 265 sa 268) donnu jindika li bejnu u bejn is-Servizzi Inglizi kien hemm xi skambju ta' ittri (liema ittri, pero`, baqghu ma gewx ezibiti) li setghu talvolta holqu xi forma ta' obbligazzjoni kontrattwali. Pero` fir-rigward ta' St. Julians Court ma jistax jinghad l-istess. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax wiehed jitkellem dwar "possedimenti" li t-tgawdija taghhom giet imfixkla bi ksur tal-ewwel parti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

**"L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.**

**"13.** Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn diskriminazzjoni politika. L-Artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li, salv certi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dana l-kaz, "hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika". Is-subartikolu (3), imbghad, ikompli jispjega x'wiehed ghandu jifhem bil-kelma "diskriminatorju" ghall-fnijiet ta' dina d-disposizzjoni, u cioe` "trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond…[l-]opinjonijiet politici…li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn". Issa, ma hemmx dubbju li l-appartamenti maghrufa bhala St. Julians Court gew ittrattati mill-Gvern Malti b'mod differenti minn proprjetajiet ohra tal-privat li s-Servizzi Inglizi kienu qed ivakaw. Pero` kemm mid-deposizzjonijiet ta' Albert Mamo (fol. 280 sa 282, u 287 sa 288) kif ukoll mid-deposizzjoni tal-Perit Barbara tad-9 ta' April, 1999 (fol. 291 sa 294) jidher li dan it-trattament differenti kien, in parti, dovut ghan-numru ta' appartamenti li kien hemm f'kull proprjeta`, fis-sens li fejn kien hemm numru mhux hazin ta' appartamenti – bhal St. Julians Court (52), Navarino Flats (19), Egmont Close (64), Hibernia Flats (8), St. Christopher Flats (9) – il-Gvern dahal ghalihom mentri fejn kien hemm numru izghar jew postijiet individwali (bhal

vilel) il-Gvern ma kienx interessat fihom, u dawn presumibbilment irrivertew ghand sidhom (ara d-deposizzjoni ta' Albert Mamo, fol. 287, 288). Huwa veru li dana ma jispjegax ghal kollox ghala blokki appartamenti bhal Oakhill u Oakleaf – li bhal Hibernia Flats, kellhom 8 appartamenti kull wiehed – irrivertew ghand is-sidien taghhom flok ma dahal ghalihom il-Gvern. Pero` dak li kellu jigi ppruvat mir-rikorrenti kien li t-trattament differenti kien dovut "ghal kollox jew principalment" minhabba l-opinjonijiet politici taghhom jew ta' wiehed minnhom – il-Perit Barbara. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha – id-diversi deposizzjonijiet tal-Perit Barbara, id-deposizzjoni ta' Dott. Philip Attard Montalto, tal-Onor. Dott Eddie Fenech Adami (fol. 273-275), ta' Francis Mamo (276-277) u d-deposizzjonijiet ta' Albert Mamo – u ma tistax tghid li gie ppruvat sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, jigifieri sal-grad tal-probabbli, li t-trattament (differenti jew le) li rceviet il-proprjeta` tar-rikorrenti kien minhabba l-opinjonijiet politici taghhom jew tal-imsemmi Perit Barbara. Bizzejjed jinghad li ma hemmx l-ickem prova ta' x'inhuma jew x'kienu l-opinjonijiet politici tad-diversi sidien tal-proprjetajiet l-ohra li ssemmew f'din il-kawza, u specjalment Oakhill u Oakleaf. Kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, jaccetta dak kollu, inkluza x-xiehda "hearsay", li qal il-Perit Barbara fid-deposizzjonijiet tieghu u jigbed l-istess konkluzzjonijiet li gibed hu, l-aktar li wiehed jista' jasal biex jghid hu li l-Perit Dom Mintoff kellu xi haga personali (i.e. "a personal grudge") kontra l-Perit Barbara minhabba incident dwar hajt divizorju fi proprjeta` f'Bormla li kienet qed tigi rikostruwita wara l-gwerra bi spejjez tal-War Damage (ara d-deposizzjoni tal-Perit Barbara, fol. 183, 184, u ta' Francis Mamo fol. 276, 277); u li minhabba dan l-incident il-Perit Mintoff, meta allura kien fil-Gvern, ha hsieb li jaghmel l-aktar hsara possibbli lill-Perit Barbara permezz ta' diversi atti amministrattivi. Kif tajjeb osserva d-difensur tal-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-27 ta' Settembru, 1999, l-animosita` personali per se ta' xi persuna li tkun tokkupa kariga pubblika lejn persuna partikolari ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Kif inghad, dak li kellu jigi ppruvat ghall-fini ta' din id-disposizzjoni kien li t-trattament "differenti" kien minhabba "opinjonijiet politici" (jew

minhabba xi wahda mir-ragunijiet l-ohra msemmija fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 45, ez. razza, kulur, fidi, ecc.). Mill-provi jirrisulta li l-Perit Barbara qatt ma kien politikament attiv; l-unika darba li jista' jinghad li hu esprima xi fehma politika kien fiz-zmien hekk imsejjah "tal-Integration" meta l-Kamra tal-Periti, li taghha huwa kien president, ippresentat memorandum lir-Royal Commission li kien kontra l-proposti tal-"integration". Minn dana l-fatt wahdu din il-Qorti ma tistax tigbed il-konkluzzjoni li kull att amministrattiv li sehh wara u li b'xi mod effettwa negattivament lir-rikorrent Perit Barbara kien dovut ghall-opinjonijiet politici tieghu. Apparti l-fatt, kif diga gie osservat, li ma ngabitx prova tal-opinjonijiet politici tas-sidien tal-proprjetajiet li ma gewx milquta bl-istess mod kif intlaqtet il-proprjeta` tal-Perit Barbara.

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom. L-ispejjez konnessi mas-sentenza preliminari tal-31 ta' Lulju, 1995 u mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Ottubru, 1997 ghandhom, naturalment, jigu sopportati kif indikat fl-istess sentenzi. "

**L-APPELL TAR-RIKORRENTI PROPRIO ET NOMINE**

2.1 Ir-rikorrenti proprio et nomine hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u ghalhekk huma interponew appell minnha u li permezz tieghu huma talbu li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha (a) in kwantu ddecidiet li m'ghandhiex tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tal-kawza a bazi tal-*proviso* ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, u (b) in kwantu ddecidiet li tikkunsidra l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol u l-Konvenzjonijiet minkejja l-Artikolu 7 tal-Kap. 319, u tirrevokaha, thassarha u tannullaha fil-bqija, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez.

2.2 L-aggravji tar-rikorrenti pro et noe, li huma redatti b'mod elaborat hafna, jistghu jigu migburin u sintetizzati fil-lanjanzi segwenti, jigifieri li:

(i) bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad, il-vjolazzjoni ta' l-Artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni

Ewropea ma kenitx wahda istantanea, izda hija wahda kontinwata.

Dak li qeghdin isostnu r-rikorrenti m'huwiex, kif hasbet l-ewwel Qorti, li l-Konvenzjoni Ewropea ghandha tapplika retroattivament, izda li l-vjolazzjonijiet baqghu jipperduraw wara l-1987 u ghaldaqstant wara li kienet dahlet fis-sehh il-Konvenzjoni Ewropea, li ghalhekk tista' tigi invokata b'success.

Ghandu ghalhekk isegwi li l-ewwel revoka tas-sentenza appellata ghandha tkun fis-sens li jigi ddikjarat illi l-Artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huma invokabbli fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti peress li "ma jistax aprioristikament jigi eskluz li l-vjolazzjoni, anke jekk bdiet qabel id-data msemmija", jigifieri fis-sena 1987, "ma komplietx wkoll wara l-imsemmija data".

(ii) Fir-rigward ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett ta' l-ittra minghand is-servizzi Inglizi - Dok A [recte: Dok BTI] - kif konsidrata fid-dawl tal-klawsola 12 tal-kuntratt.

Taht dan l-aspett, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament "assolutament skorrett tal-fatti u tad-dritt". L-ittra mibghuta lill-appellanti kienet ferm aktar minn semplici "declaration of intent", kif sejhitilha l-ewwel Qorti. Din kienet invece "il-kelma tas-servizzi Inglizi li huma kienu sejrin jirritornaw lir-rikorrenti l-appartamenti tieghu, fatt li gie wkoll ippruvat waqt is-smigh tal-kawza bla ma gie kontradett. Skond l-appellanti, dan l-"*undertaking* vinkolanti" ma sehhx minhabba pressjoni ezercitata mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, il-Perit Mintoff.

2.3 Aggravju iehor ta' l-appellanti huwa dwar l-allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din giet michdua mill-ewwel Qorti minghajr pero` "ma nsibu l-ebda diskussjoni dwar l-Artikolu 14 vis-à-vis l-mertu tal-kaz".
Ir-rikorrenti jsostnu li huma rnexxielhom jippruvaw l-ezistenza ta' trattament differenzjali da parti ta' l-

Amministrazzjoni billi hadd ma spicca fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti appellanti.

L-appellanti jirreferu ghal diversi punti dwar harsien minn diskriminazzjoni billi jaghmlu riferenza twila u elaborata ghal sensiela ta' decizjonijiet moghtijin mill-Qorti ta' Strasbourg, fosthom **Chassagnou and Others v. France** (1999); **Larkos v. Cyprus** (1999); **Gaygusuz v. Austria** (1996); **Inze v. Austria** (1987); **Canea Catholic Church v. Greece** (1997); **Fredin v. Sweden** (No. 1) (1991); **Spadea & Scalabrino v. Italy** (1995).

2.4 Dejjem taht dan l-aggravju rigwardanti allegat agir diskriminatorju mill-amministrazzjoni fil-konfront tar-rikorrent il-Perit Joseph Barbara, l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti "adottat atteggjament mill-aktar apologetiku ghall-Gvern", u jaghmlu diversi riferenzi ghal siltiet mehudin mis-sentenza appellata in sostenn ta' din it-tezi u li, skond huma, "trid tkun ingenwu biex ma tindunax li l-Perit Barbara kien il-mira tal-Perit Mintoff fis-snin li dam fil-Gvern" u li din il-"personal grudge" taf l-origini taghha ghall-fatt li l-Perit Barbara haddan u mmanifesta twemmin politiku oppost ghal dak tal-Perit Mintoff.

Hemm provi sufficjenti, isostnu l-appellanti "biex jissodisfa l-vot tal-ligi dwar 'minhabba opinjonijiet politici' *ai termini* ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u jaghmlu, f'kull kaz, referenza ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti in re: **Angelo Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija** tas-17 ta' Frar 1999, li rrikonoxxiet li persuna li l-opinjoni politika taghha tikkonsisti fil-fatt li ma ghandhiex opinjoni politika, ghandha dritt li tkun protetta minn diskriminazzjoni. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrenti Joseph Barbara mar oltre ghaliex stqarr li kellu opinjoni politika differenti minn dik tal-Perit Mintoff u kien ghalhekk li safa ddiskriminat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT PRIM MINISTRU GHAR-RIKORS TA' L-APPELL</u>**

3. L-appellat Onorevoli Prim Ministru wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Fost ir-ragunijiet moghtija hemm is-segwenti:-

(I) L-appellat jaghmel riferenza ghall-Artikolu 7 ta' l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea li jghid li ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987, ma jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dak l-Att u l-istess ligi ma taghmel ebda disposizzjoni ohra bhax-xorta invokata mill-kontro-parti appellanti.

(II) Dwar l-allegat tehid ta' pussess ta' proprjeta` l-Gvern akkwista l-imsemmi cens b'kuntratt ma' l-enfitewta precedenti, jigifieri minghand is-servizzi Inglizi, u f'dan il-kaz certament ma kien hemm ebda att ta' espropriazzjoni jew tehid forzuz ta' proprjeta`

Kien ir-rikorrent stess li ghadda tali fakolta` ta' cessjoni lis-Servizzi Inglizi u dan bl-istess drittijiet li huwa kien ftiehem mac-censwalist. L-ittra markata Dok BTI, citata mill-appellanti, ma tikkostitwix kuntratt ta' rexissjoni ta' cens u bl-ebda mod ma kienet tammonta ghal xi att jew obbligazzjoni vinkolanti fuq il-mittent.

(III) Dwar l-aggravju ta' l-allegata diskriminazzjoni, dan ma jsib ebda riflessjoni fil-fatti tal-kaz. Hawn si trattava biss ta' kuntratt ta' trasferiment ta' proprjeta` u tal-liberta` kontrattwali. Lanqas ma tezisti xi prova li r-rikorrent ircieva trattament differenti minhabba l-opinjonijiet politici tieghu. Id-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea citati fir-rikors ta' appell ma jaghmlux ghall-kaz odjern u ghalhekk l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Dwar il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza ta' indole kostituzzjonali u konvenzjonali, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel pjena riferenza ghall-gabra tal-fatti li tinsab fil-bidunett tas-sentenza appellata, u li tinsab inkorporata fl-atti ta' din is-sentenza. F'din il-parti jinsabu migburin il-fatti saljenti li taw lok ghall-kawza u li fil-maggjor parti jaghti rezokont tal-fatti kif sehhew. Fejn evidentement hemm in-nuqqas ta' qbil jirrigwarda l-interpretazzjoni li dawn l-istess fatti seta' jinghatalhom fid-dawl tal-vjolazzjonijiet allegati mir-rikorrenti proprio et nomine naxxenti u konsegwenti mill-istess fatti a detriment

taghhom. Differenza ohra ta' sostanza hi li skond l-appellanti, l-intervent personali tal-Perit Dom Mintoff, allura Prim Ministru, fil-vicenda kollha, kien wiehed ghal kollox determinanti.

5. Dwar l-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jillanjaw mill-fatt li l-ewwel Qorti m'gharfitx tafferra korrettement is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' l-Aritkolu 13, 14 u ta' l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif sancit fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV tal-1987. Jghidu li huma qatt ma allegaw li l-Konvenzjoni kellha tapplika retroattivament. L-argument taghhom kien invece dak li l-effetti ta' l-agir akkuziv da parte tal-gvern fil-konfront taghhom baqghu jipperduraw u jinhassu wara l-1987, jigifieri wara d-dhul fis-sehh tal-Konvenzjoni Ewropea *de quo*. Waqt it-trattazzjoni orali, l-abili difensur tar-rikorrenti kompla jelabora li mhux l-effetti biss baqghu jipperduraw imma anke l-vjolazzjonijiet kommessi kontrihom. F'dan is-sens huwa ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Vincent Curmi v. Onor Prim Ministru** tat-12 ta' April 1989, fejn, skond l-appellanti, giet accettata "li kien hemm relazzjoni kontinwata".

6.1 In risposta, il-parti appellata, apparti dak li gia` nghad supra, wiegbet ukoll li l-kazistika ta' Strasbourg citata mill-appellanti lanqas kienet applikabbli ghal dan il-kaz in ezami ghaliex il-fattispecie kienu ghal kollox differenti. Per ezempju, fil-kaz citat **Papanikoloupolos v. Greece**, si trattava ta' att ta' natura legali mghoddi minn regim li gie fis-setgha in konsegwenza ta' kolp ta' stat. Kienet ghaddiet ligi li l-militar seta' jaqbad u jiehu proprjeta` fejn irid anke minghajr kumpens - u kien f'cirkostanzi estremi ta' din ix-xorta fejn il-Qorti Ewropea sabet li kien hemm tassew "vjolazzjoni kontinwata". Din pero` mhix sitwazzjoni fejn dak li sar, kien skond il-ligi u l-effetti tieghu baqghu. Vjolazzjoni kontinwata trid tkun bdiet b'xi haga anomala u mhux skond ligi valida u li baqghet tippersisti. Fil-kaz l-iehor **Louisene v. Turkey** ghandek imabaghad atti li gew kommessi in konsegwenza ta' invazjoni da parti tat-Turkija gewwa Cipru u ma hemm assolutament l-ebda

paragun mal-kaz in ezami fejn ghandek Gvern li akkwista c-cens ta' blokk ta' appartamenti u li tah ghal skopijiet ta' "housing" u akkomodazzjoni socjali. Huwa car illi l-azzjoni kollha tar-rikorrenti, bazata esklussivament fuq fatti li graw fl-1979 hija improponibbli.

6.2 Il-parti appellata sostniet li l-Gvern akkwista c-cens tal-proprjeta` b'kuntratt minghand is-Servizzi Inglizi u f'dan il-kaz ghalhekk ma interveniet ebda esproprijazzjoni jew tehid tal-proprjeta`. Ir-rikorrenti ma tilef xejn mid-drittijiet li kellu taht il-kuntratt ta' enfitewsi li hu stess ftiehem dwarhom mas-Servizzi Inglizi. Din il-parti sostniet ukoll li l-ittra Dok BTI imsemmija mir-rikorrenti ma kenitx tammonta ghal xi kuntratt ta' rexxissjoni tal-kuntratt enfitewtiku u lanqas ma kienet wahda vinkolanti ghall-mittent.

7. Ir-rikorrenti jissottomettu fl-ewwel aggravju taghhom li ghalkemm huwa veru li l-atti lamentati tal-parti appellata sehhew qabel it-30 April 1987 (id-data li l-Att XIV tal-1987, gie fis-sehh bhala parti mil-ligi Maltija) <u>l-effetti ta' dawn l-atti baqghu jipperduraw anke wara din l-imsemmija data</u>, bil-konsegwenza li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sfaw ivvjolati taht diversi aspetti kif hemm imsemmi fir-rikors ta' appell taghhom.

8. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar din l-ewwel lanjanza, hija tal-fehma li l-appellanti m'ghandhomx raguni valida li tinduci lil din il-Qorti tiddeciedi diversament minn dak gia` deciz in propozitu mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Kif tajjeb gie rilevat mill-appellat, kif ukoll mill-ewwel Qorti, l-Artikolu 7 ta' l-Att surreferit huwa car u inekwivoku meta jistipula li,
"<u>Ebda ksur</u> ta' l-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) ta' l-Ewwel Protokoll li jsir <u>qabel it-30 ta' April 1987</u> ..... ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att." (Sottolinear tal-Qorti)

Issa li kieku l-legislatur ried jipprovdi xort'ohra dan seta' jaghmlu liberament imma ma ghamlux - u allura ghandu kwindi japplika u jregi l-principju li *ubi lex voluit dixit*. Anzi fil-kaz in ezami, *non si tratta* ta' xi *lacuna* jew nuqqas ta'

provvediment da parti tal-legislatur li dwarha l-Qorti giet mitluba biex tikkolmaha hi, imma ghandek addirittura provvediment car intiz proprju biex jaqta' linja dritta u b'hekk tigi wkoll eliminata ghal kollox il-possibilita` li xi hadd jiehu xi azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' l-Att, dwar xi haga li tkun saret jew sehhet <u>qabel l-imsemmija data</u>.

Ghalhekk, din il-Qorti hija ghal kollox konkordi mas-sottomissjonijiet ta' l-appellat kif fuq riportati u kif jinsabu rispekkjati fis-sentenza appellata, li <u>ebda</u> azzjoni bhax-xorta mehuda mir-rikorrenti, ma setghet tittiehed validament in kwantu hija msejsa fuq fatti jew agir allegatament kommessi <u>qabel</u> it-30 ta' April, 1987. Ghalhekk hija tal-fehma li, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, m'huwiex il-kaz li jigi dikjarat illi l-Artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huma invokabbli fic-cirkostanzi msemmija, u dan minkejja li seta' kien hemm xi effetti li baqghu jinhassu da parti tar-rikorrenti appellanti.

9. Dwar it-tieni aggravju - u dan qieghed jigi mistharreg bla pregudizzju ghal dak li gia` ntqal u ritenut <u>supra</u>, hija l-fehma ta' din il-Qorti li m'huwiex korrett li jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat fir-rigward ta' l-ittra surreferita li f'certu stadju s-Servizzi Inglizi baghtu lir-rikorrenti - ara l-ittra markata bhala Dok BTI (imsemmija wkoll bhala Dok A) - mill-aspett ta' l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u fid-dawl ta' dak li hemm stipulat fil-klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' enfitewsi.

10. Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li s-Servizzi Inglizi lanqas biss ma gew imharrkin fil-proceduri u lanqas ma jirrizulta li saret xi procedura ta' xort'ohra kontrihom. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-bazi tar-ragjonament kollu tar-rikorrenti huwa msejjes fuq il-premessa li dak li s-Servizzi Inglizi kienu esprimew fl-ittra *de quo* kien ammonta ghal "obbligazzjoni vinkolanti". Jekk dan kien tassew hekk - asserzjoni ghal kollox gratuwita in assenza ta' pronunzjament opportun - wiehed kien allura jistenna li r-rikorrenti fl-ewwel lok messhom aggixxew kontra min kien assuma tali "obbligu". Minn dan kollu pero` ma

jirrizulta xejn. Skond ir-rikorrenti din l-"obbligazzjoni" ma gietx onorata minhabba l-pressjoni li giet ezercitata fuqhom mil-Kap ta' l-Amministrazzjoni ta' allura, jigifieri mill-Perit Mintoff. Skond l-appellanti "kien hemm il-klawsola 12 tal-kuntratt, li malli giet rilaxxjata l-ittra Dok. A bhala 'undertaking' tas-Servizzi Inglizi, ikkreat vinkolu".

11. Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul fir-rigward ta' dan l-aggravju hija tal-fehma li dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett. Filwaqt li huwa minnu li hemm x'juri li fil-bidu l-hsieb tas-Servizzi Inglizi kien dak li jirritornaw l-appartamenti *de quo* lura lir-rikorrenti, jidher li dawn in segwitu biddlu l-istess hsieb u ttrattaw mal-Gvern. Din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma ta' l-appellanti li l-ittra Dok BTI, li tissemma' wkoll bhala Dok A, fid-dawl ta' klawsola 12 tal-kuntratt ta' enfitewsi kienet tassew holqot xi obbligu vinkolanti. Fi kliem iehor, bl-ittra *de quo* jew minghajrha, is-Servizzi Inglizi kienu ghadhom f'qaghda li legalment setghu jbiddlu fehemthom u jagixxu mod iehor - kif irrizulta li ghamlu minghajr ma naqsu mill-obbligi assunti minnhom dwar it-tkomplija tal-hlas tas-subcens dovut skond dawk il-modalitajiet li jissemmew fil-ftehim enfitewtiku. Kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, flok ma hadu l-opzjoni li jirritornaw il-blokk ta' appartamenti lura lir-rikorrenti,
"l-awtoritajiet Inglizi cedew il-kumplament tas-sub-cens lill-Gvern Malti li, a sua volta, ghaddieh lil Holiday Services Ltd. Dawn it-trasferimenti tas-sub-cens saru permezz ta' kuntratti maghmula skond il-ligi, u ma jidhirx - u effettivament anqas ma gie allegat - li kien hemm xi ostakolu legali ghal dawn it-trasferimenti. Fi kliem iehor, ma jistax jinghad li r-rikorrenti gew ipprivati mill-pussess tal-proprjeta` taghhom (ghax huma, ghal perijodu ta' 45 sena, kienu zvestew ruhhom minn kull pussess hlief ghad-dritt li jippercepixxu s-sub-cens), u dan la b'mod obbligatorji u anqas xort'ohra; ghall-istess raguni ma jistax jinghad li huma gew ipprivati, b'mod obbligatorju jew xort'ohra, minn xi interessi fi jew minn xi dritt fuq il-prorjeta` in kwistjoni. Konsegwentement din il-Qorti ma tirraviza ebda ksur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni."

Din il-Qorti hija ghal kollox konkordi ma' dan ir-ragjonament u kwindi hija tal-fehma li l-aggravju in propozitu da parti tar-rikorrenti huwa wiehed infondat u ghandu jigi michud.

12. Fl-ahhar aggravju taghhom, ir-rikorrenti jillanjaw mill-fatt illi, skond huma,
"peress illi l-ewwel Onorabbli Qorti eskludiet l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni mill-konsiderazzjoni taghha dwar il-kaz, fis-sentenza ma nsibu l-ebda diskussjoni dwar l-Artikolu 14 vis-à-vis l-meritu tal-kaz".

Min-naha taghhom, huma invece jsostnu li "rnexxielhom jippruvaw it-trattament differenzjali da parti tal-Gvern ta' allura". Skond ir-rikorrenti huma kienu specifikatament u b'mod singolari fil-mira ta' l-Amministrazzjoni, bir-rizultat li "hadd ma spicca fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti". Huma jsostnu li ressqu provi li juru li dan it-trattament differenzjali u diskriminatorju fil-konfront taghhom kien gej "minhabba opinjonijiet politici' ai termini ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni". Huma mbaghad jelenkaw dawk il-principji li skond ir-rikorrenti, emanaw u baqghu jigu segwiti tul is-snin min-naha tal-Qorti ta' Strasbourg u jaghmlu wkoll referenza ghal numru ta' decizjonijiet in propozitu. Skond l-appellanti "l-ewwel Qorti tefghet 'il barra u eskludiet l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u ma applikatux ghall-meritu. Ghalhekk fis-sentenza appellata nsibu biss il-konsiderazzjoni ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".

Ghall-appellanti, l-Att XXIX tal-1980, jigifieri l-att biex ihassar l-Ordinanza tal-1943 dwar il-Hsarat tal-Gwerra kien jammonta ghal "l-aktar ezempju klassiku ta' legislazzjoni 'ad hominem' f'Malta" u dan kien hekk ukoll iddikjarat f'sentenzi ta' din il-Qorti. Id-diskriminazzjoni sehhet proprju in konsegwenza tal-"personal grudge" li kien hemm bejn ir-rikorrent il-Perit Joseph Barbara u l-Perit Dom Mintoff, il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, li ssarfet talment li l-imsemmi Perit Barbara spicca bhala "target practice" (sic) ta' l-Amministrazzjoni.

13. Din il-Qorti, wara li gharblet ix-xiehda u l-provi kollha mressqa quddiem l-ewwel Qorti ma jidhrilhiex li l-aggravju dwar trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed fondat. B'daqstant m'huwiex qieghed jinghad li ma setax tassew kien hemm animosita` personali bejn il-Perit Barbara u l-Perit Mintoff, imma li din issarfet fl-abbozzar ta' legislazzjoni, li wara giet ukoll approvata mill-Kamra tad-Deputati biex saret ligi, u li giet maghmulha bl-iskop li tippunixxi esklussivament jew kwazi b'mod uniku u eccezzjonali lir-rikorrenti Barbara hija teorija ghal kollox strarikkjata u "far-fetched" ghall-ahhar. Apparti dan, "animozita` personali" ma hijiex wahda mill-elementi li jissemmew fl-Artikolu 45 tal-Konvenzjoni dwar id-diskriminazzjoni. Konxji minn dan, ir-rikorrenti jenfasizzaw hafna fuq l-aspett ta' "opinjonijiet politici" bhala l-bazi li wasslet ghal agir diskriminatorju kontra r-rikorrenti u dan in vjolazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 45. Il-provi tar-rikorrenti taht l-aspett ta' diskriminazzjoni minhabba t-thaddin ta' opinjonijiet politici huma fjakki hafna u certament m'humiex tali li jissuffragaw it-tezi ta' l-appellanti. Fil-fatt, l-istess Perit Barbara jghid li huwa m'huwiex xi persuna attiva politikament u, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, lanqas ingiebet xi prova li s-sidien ta' proprjetajiet ohra li ma gewx mghoddija lill-Gvern kellhom opinjonijiet politici differenti minn tar-rikorrenti Barbara. Lanqas il-Perit Dom Mintoff ma gie prodott b'xhud. Il-fatt li l-Perit Barbara stabbilixxa li hu ma kienx ta' l-istess fehma politika ta' l-Amministrazzjoni ta' dak iz-zmien m'hijiex raguni sufficjenti biex turi li dak li sar fuq bazi amministrattiva u legislattiva u li seta' affettwa avversament lil persuni li kienu jhaddnu twemmin jew opinjonijiet politici differenti, sar bl-iskop li jiddiskrimina kontra persuna jew persuni partikolari. Kif gustament issottometta l-intimat appellat in propozitu quddiem l-ewwel Qorti (ara nota tieghu a fol. 341 tal-process):-

"Fuq dan il-punt irid jigi pero` rilevat illi mkien ma gie pruvat illi l-Gvern ma agixxiex fl-interess pubbliku fil-mod kif huwa akkwista u amministra l-appartamenti in kwistjoni. Fil-fatt dawn l-appartamenti ntuzaw ghal skop ta' 'housing' ta' familji Maltin bi prezzijiet li ghad li ma humiex baxxi huma fil-portata ta' hafna familji. Dan l-iskop

certament li wiehed ma jistax jghid li m'huwiex skop pubbliku."

Il-fatt li r-rikorrenti inzertaw li kellhom blokk ta' appartamenti b'numru akbar minn sidien ohrajn ma kienx ifisser ukoll u necessarjament li bl-akkwist (b'mod legali) taghhom min-naha tal-Gvern, allura dan kien ifisser li l-intimat ried jiddiskrimina a skapitu tar-rikorrenti. Bil-fatt wahdu li kien hemm haddiehor li kellu numru ferm anqas ta' appartamenti milli kellhom r-rikorrenti u li dawn ma ttehdulhomx ma jfissirx li sar hekk biex jigu diskriminati r-rikorrenti minhabba l-"opinjonijiet politici" taghhom imma seta' kien ghaliex kien jaghmel aktar sens u jaqbel li jsir hekk. Ix-xiehda moghtija mill-Perit Barbara, kif ukoll minn Dottor Philip Attard Montalto, ghal liema jaghmlu enfasi partikolari r-rikorrenti, m'hiex sufficjenti biex tiddimostra li dak li qeghdin jissottomettu r-rikorrenti dwar agir diskriminatorju minhabba "opinjonijiet politici" huwa jew gie ppruvat min-naha taghhom.

Ghaldaqstant l-aggravju dwar ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Konvenzjoni a bazi ta' diskriminazzjoni minhabba "opinjonijiet politici" huwa infondat u qieghed jigi respint.

14. Ta' min jirrileva li r-rikorrenti jillanjaw addizzjonalment li kien hemm ukoll lezjoni ta' dritt iehor fondamentali ghal rimedju effettiv "stante li l-ebda rimedju legislattiv ma kien disponibbli ghar-rikorrenti". L-ebda ligi, isostnu r-rikorrenti, ma kienet toffrilhom rimedju f'forma ta' kumpens ghall-privazzjoni tal-proprjeta` li huma sofrew. Aktar qabel, fl-istess noti, huma jissottomettu li huma "gew effettivament imcahhda mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom minghajr il-hlas ta' kumpens" u jaghmlu riferenza f'dan is-sens ghal dak li gie deciz mill-Qorti Ewropea in re: **Fleri Soler v. Malta** u **Ghigo v. Malta**.

15. Jigi ghal darb'ohra rilevat li hawn non si trattava ta' "akkwist" min-naha tal-Gvern bhal fil-kaz ta' esproprjazzjoni jew xi tehid iehor forzuz in forza ta' ligi straordinarja li taghti poteri specjali lill-Gvern. Il-proprjeta` *de quo* kienet giet akkwistata b'titolu ta' subcens tramite kuntratt maghmul mac-censwalisti u, kwindi, minghajr il-

htiega ta' xi intervent straordinarju min-naha tal-Gvern. Kif tajjeb gie sottomess mill-intimat appellat (ara nota a fol. 163 tal-process):
"Fil-kaz odjern kien l-istess appellant illi volontarjament svesta ruhu minn diversi drittijiet u kkonceda l-proprjeta` b'enfitewsi ghall-perijodu ta' hamsa u erbghin sena lis-Servizzi Inglizi u permezz ta' dan l-att taht il-ligi civili rrikava introjtu.

L-argument ta' l-appellant fis-sens illi t-trasferiment tac-cens da parti tas-Servizzi Inglizi favur il-Gvern sar biex jirrekawlu problemi finanzjarji ma jaghmel l-ebda sens u dan peress illi kien huwa stess illi ceda din il-fakolta` lis-Servizzi Inglizi u bl-imsemmi trasferiment ma ntilef l-ebda dritt taht il-kuntratt. L-istess appellant baqa' jippercepixxi l-istess cens li kien jithallas mis-Servizzi Inglizi in forza ta' l-istess kuntratt illi huwa stess kien ghamel maghhom."

Din il-Qorti hija ghal kollox konkordi ma' dan ir-ragjonament. Minbarra dan, kemm l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni Ewropea jirregolaw biss l-akkwist forzuz ta' proprjeta` kontra l-volonta` tal-proprjetarju u ghalhekk jirrikjedu l-uzu ta' poteri straordinarji, per ezempju bl-invokazzjoni ta' atti iure imperii moghtija bil-ligi - li ma jghoddx ghall-kaz in ezami.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll huwa wiehed bla bazi u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Jannar 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, tirrespingi l-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------